KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**ID-DISA' (9) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Tlieta u Għoxrin (23)***

***It-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 23 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija. (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR
ADMINISTRATION OFFICER II – DONNA MALLIA

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**23.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

23.1.1 Tressqet ittra ta' apoloġija mill-Vici Sindku Brian Xuereb u l-Kunsillier Jesmond Manicolo fejn infurmaw li ma jistawx jattendu u talbu li jkunu skużati. Il-Kunsill approva.

**23.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

23.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 22 li nżammet nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2025.

23.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 22 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

23.2.3 **Mozzjoni Numru 23-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 22

Proponent: Il-Kunsillier Steven Axisa
Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard

Il-Minuti Numru 22 ġew approvati unanimament.

**23.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 23(09) – Diċembru 2025***

23.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 23(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 12238 sa 12282 kif ukoll cheque bin-numri 7276 u 7277 li jammontaw €38,424.24

23.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

23.3.3 Tressqet ukoll invoice tal-ħlas tas-sound tal-attivita' tal-Milied li tammonta għall-Eur3,492.80, il-Kunsill qabel li din titħallas. Tressqet ukoll l-invoice tal-ħaddiema tal-Community Work Scheme, fejn is-Sindku nforma li hemm żewġ ħaddiema Louis Lia u Marika Sanko ma ħaqqhomx li jingħataw performance bonus minħabba nuqqasijiet li kienu joħolqu waqt il-ħidma tagħhom fil-Kunsill Lokali, dwar dan kien hemm qbil unanimu. Fuq il-kumplament tal-ħaddiema l-Kunsill qabel li dawn jingħataw bil-4%.

23.3.4 **Mozzjoni 23-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 23(09) kif ukoll il-pagament imniżżel f'materja numru 23.3.3

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard

Sekondant: Il-Kunsillier Naomi Mizzi
L-iskeda ta' pagamenti numru 23(09) ġiet approvata unanimament.

**23.4 Traffic Management żona ta' fejn l-iskola**

23.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanta tat-Traffic Management li ġiet approvata minn Transport Malta. Is-Sindku Karl Boxall qal li hemm xi toroq li ma jaqbilx li dawn jsiru One-Way. Is-Segretarju Ezekuttiv ipproponiet li din il-bidla għanda ssir fil-vaganzi tat-tfal biex ma jinħoloqx inkonvenjent, is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu il-vaganzi kemm tal-Milied u tal-Għid huma qosra sabiex din tiġi implimentata u tindera.

23.4.2 Is-Sur Karl Boxall issuġġerixxa wkoll li nibdew ninfurmaw lir-residenti qabel fil-vaganzi tas-sajf li din ser tiġi ntrodotta matul ix-xhur tas-sajf għax ser ikunu affettwati ħafna nies b'din il-bidla. Is-Sindku qal li ċertu toroq sekondarji għandhom jibqgħu kif inhuma, il-bidla tista' ssir biss fi Triq il-Gudja, Triq San Filippu u anke żona tat-turretta, il-kumplament jista' jibqa' l-istess. Il-Kunsillier Naomi Mizzi qalet li ser tkun problema li d-dħul għal Pjazza ser ikun biss minn toroq sekondarji għax huma dojoq. Is-Sindku Karl Boxall ippropona li ssir Triq il-Gudja biss One-Way, is-Segretraju Eżekuttiv qalet li l-idea kienet li l-implementazzjoni tibda' minn Triq il-Gudja u Triq San Filippu.

23.4.3 Il-Kunsillier Naomi Mizzi u Steven Axisa qed issostnu li fi Triq il-Milwa ser ikun hemm problema peress li din hi ferm dejqa minħabba li minn hemm biss jista' jsir id-dħul fil-Pjazza. Il-Kunsillier Stephen Attard ippropona li Triq San Filippu tibqa' two ways u Triq il-Gudja biss tiġi One-way. Is-Sindku Karl Boxall qal li din il-pjanta għanda terġa' tiġi studjata sew.

23.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tinbagħat il-pjanta lil kull Kunsillier sabiex din tiġi studjata bir-reqqa qabel ma tiġi implimentata. Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha terġa tiġi diskussa.

23.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanta ta' ħdejn il-Pjanta Maypole, fejn infurmat li kien hemm iż-żieda tal-hedges kif intalab li jsir mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din għanda tinbagħat għall-approvazzjoni tat-Transport Malta.

**23.5 Korrispondenza**

23.5.1 Tressqet korrispondenza dwar il-Laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Enemed fejn irċevejna konferma li se jkunu qegħdin jassistuna finanzjarjament f'parti mill-proġett ta' Santu Rokku bis-somma ta' €150,000, kif ukoll it-tender tas-soft areas bl-ammont ta' €20,000 għal tlett snin. Is-Sindku ppropona li nistaqsu minħabba l-flooring tal-Bandli. Il-Kunsillier Christine Dalli qalet li b'dak l-ammont ma jitwettaqx proġett jekk jistax jingħataw aktar fondi.

23.5.2 Il-Kunsillier Steven Axisa qal li ser tittieħed art ODZ min-naħa tal-Enemed fejn is-Sur Kevin Chricop kien informa li din l-art hi tal-Enemalta fejn ħa ssir l-estensjoni. Il-Kunsillier Christine Dalli kif ukoll il-Kunsillier Stephen Attard ma jaqblux mal-ammont ta' € 150,000, is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet li terġa' ssir laqgħa oħra magħhom. Il-Kunsillier Attard qal li ninfurmaw lis-Sur Chircop sabiex il-Kunsill jingħata ammont akbar peress li dak ser jingħata mhux sodisfaċenti.

23.5.3 Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu aħjar € 150,000 milli xejn, fejn informa wkoll li l-ewwel talba tal-Kunsill kienet ta' nofs miljun. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li kien ippropona li l-Enemed jiffinanzjaw il-proġett ta' Santu Rokku kollu kif ukoll li jinżergħu ammont tas-siġar fil-lokal. Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet sabiex jerġgħu jsiru diskussjonijiet magħhom sabiex ningħataw aktar fondi. Is-Sindku Karl Boxall qal li jekk ser terġa' tissejjaħ laqgħa oħra mal-Enemed għandu jkun preżenti kulħadd. Is-Sindku Karl Boxall qal li ser jerġa jkellem lis-Sur Kevin Chircop sabiex naraw jekk il-finanzjament jistax jitla' għall-€250,000.

*F'dan l-istadju, il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża 18:50 u tkompliet fis-19:00*

23.5.4 Tressqet korrispondenza dwar road hump fi Triq Santa Marija, fejn is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien daħal ilment minn resident minħabba f'hekk, fejn kienet diġa' wieġbet li fejn din ġiet installata hemm il-firem li din riedu li tiġi nstallata hemmhekk, pero' xorta waħda qalet li hemm problema ta' residenta fuqha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li llum kienet daħlet petizzjoni l-Kunsill sabiex din ir-road hump titneħħa.
Is-Sindku Karl Boxall qal li din ir-road hump kienet saret bil-kunsens tar-residenti, il-Kunsillier Axisa qal li resident li kien iffirma li ried din ir-road hump kien iffirma bi żball u ċertu nies li joqogħdu hemm ma jriduhiex u ma kienux iffirmaw għaliha. Il-Kunsillier Axisa qal li qed tkun ta' inkonvenjent. Is-Sindku qal li fejn qeda r-residenti ma jixtiequx li din titneħħa minn fejn qeda.
Is-Sindku Karl Boxall nforma li ser tinqala' wara li jgħaddu l-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, il-Kunsillier Axisa qal li la qed iddejjaq lir-residenti għandha titneħħa. Il-Kunsill qabel li tinqala' u ma ssirx oħra.

23.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mingħand l-Insurers tagħna fejn infurmaw li jekk mal-premium ta' kull sena inżiedu € 1,000 oħra jiġu koperti ċertu attivitaijiet, pero' hemm ħafna restrizzjonijiet. Il-Kunsilliera Naomi Mizzi staqsiet jekk jaqbilx bħala ammont għal dak li nħallsu għal meta jsiru ndividwali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħala ammont kważi jkun l-istess għax xorta b'din iż-żieda xorta ċertu attivitajiet ma jiġux koperti. Il-Kunsill qabel li jibqa' jagħmel polza tal-assigurazzjoni għal kull attivita'.

23.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza dwar jekk il-Kunsill hux interessat sabiex jiġu miżrugħa siġar tal-palm fil-lokal. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju mhux interessat.

23.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat bil-leave tas-sena 2025 li l-ħaddiema tal-Kunsill kien għad fadal sabiex dawn jiġu mġedda mal-leave tas-sena d-dieħla:
Fiona Cutajar – 96.50 siegħa
Donna Mallia – 88.25 siegħat
Shaun Spiteri – 79.5 siegħat
Susanna Bonnici – 33.25 siegħat
Il-Kunsill qabel li dawn jiġu mġedda.

**23.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

23.6.1 Is-Sindku Karl Boxall ippropona li t-tindif tal-latrini pubbliċi jibda jsir mill-Cleansing Department għall-ispiża ta' € 3,825 li tittieħed mill-allokazzjoni tat-tindif tal-latrini. Is-Sindku Karl Boxall nforma li bħala ħin jinbidel għax ikun hawn żewġ min-nies assenjati. Is-Sindku nforma wkoll li għal dan ix-xahar tqabbdet persuna sabiex tnaddaf il-latrini u li din ser titħallas l-ammont ekwivalenti għal overtime tal-Ħadd li kienet tingħata l-persuna ta' qabel jiġifieri dak ta' €300. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

23.6.2 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-Karnival 2026, kif tibda s-sena l-ġdida ma jkunx fadal żmien peress li dan ġej kmieni. Is-Sindku Karl Boxall qal li kollox ser isir bħas-sena li għaddiet li it-Tnejn ikun hemm DJ Field, it-Tlieta Guggen Band. Il-Kunsillier Stephen Attard ippropona li għal Ħadd jinġieb il-grupp Kantera. Is-Sindku nforma li ser javviċċinahom għal kwotazzjoni, nforma wkoll li bħala preżentatur ser jerġgħu jkunu Gaffiero u Julie Pomorski fejn taw il-konferma tagħhom. Il-Kunsillier Axisa qal li l-aħjar jinbidel il-format tal-ġurija. Dwar dan il-Kunsill qabel.

23.6.3 Is-Sindku Karl Boxall informa li l-istage tal-Għaqda Mużikali Santa Marija ser jiġi jiswa € 1,500. Il-Kunsill qabel u anke qabel li dan jibda jinkera. Is-Sindku Karl Boxall saħaq ukoll li kulħadd irid jagħti l-għajnuna tiegħu fi tlett ijiem tal-Karnival għax ikunu ferm impenjattivi.

23.6.5 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill bl-andament tal-laqgħa li saret mal-iStakeholders dwar il-Proġett taż-Żebbuġ fejn għal din il-Laqgħa kienu preżenti is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Waqt il-Laqgħa xi kaċċaturi li għandhom l-għelieqi fil-madwar sostnew li jkun ta' periklu l-park jkun miftuh meta jkun miftuh l-istaġun tal-kaċċa. Għaldaqstant ġie ssuġġerit li l-park jiftaħ wara id-9am kuljum. Il-Kunsill qabel.

**23.7 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

23.7.1 Il-Kunsillier Attard qal li fuq talba li kienet saret tal-One-way ta' Triq il-Fidloqqom iltaqa' mal-persuna konċernata flimkien mas-Sindku. Ir-resident qal li qed ikun hemm volum ta' karozzi u ġie ssuġerit li jsir bdil fid-direzzjoni tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li ssir il-bidla u jiġu nfurmati it-Transport Malta għall-approvazzjoni.

23.7.2 Il-Kunsillier Attard qal li kif toħroġ minn Triq Manwel Dimech għas-service road kien ġie deċiż li jsiru pjanti sabiex ma jkunx hemm abbużi li jitilgħu vetturi kbar fuq il-bankina, fejn il-Viċi Sindku ma kienx qabel ma' din id-deċiżjoni. Il-Kunsillier Naomi Mizzi qalet li jekk ikun hemm il-qbil dan għandu jiġi mwettaq. Il-Kunsillier Stephen Attard informa li l-bollards saru bi żball fil-Bypass, qal ukoll li għanda tinbagħat e-mail lit-Transport Malta għal bollards fil-lok it-tajjeb. Il-Kunsill qabel li jsiru l-pots kif kien maqbul sabiex trakkijiet ma jitilgħux fuq il-bankina.

**23.8 Mozzjonijiet**

23.8.1 Annessi mal-Minuti

**23.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

23.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar 2026 fil-5:30p.m.

Il-Minuti ġew preparati mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza tas-Sinjura Donna Mallia.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Karl Boxall
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 23**

**Mozzjoni Ref:** 23-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 22

| | |
|---|---|
| **Steven Axisa**<br>**Proponent** | **Stephen Attard**<br>**Sekondant** |

**Data:** 9 ta' Diċembru 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 23**

**Mozzjoni Ref:** 23-02

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 23

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard**<br>**Proponent** | **Naomi Mizzi**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 09.12.2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**